**Laqgħa Numru 3**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**5 t'Awwissu 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.14 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | -Kunsilliera |
| Johnny Vella | -Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Hubert Saliba ippresieda l-laqgħa.

**3.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

3.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

3.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 2 li saret nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2019 wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

**3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

3.3.1 Is-Sindku kkomunika li kienu se jinxtraw għaxar dog bins biex jitwaħħlu mar-raħal mill-Premju tal-Greenpak għall-aktar raħal li rreċikla..

3.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali kien qed jistenna laqgħa mas-Segretarju Parlamentari tal-Biedja u Sajd rigward il-proġett li kien maħsub għall-art biswit l-iskola. Il-Viċi-Sindku ssostna li dan il-proġett ma kienx tkompla hekk kif in-No Objection qatt ma ngħatat. Hu talab ukoll lis-Segretarju biex terġa' tiċċekja mal-Perit kif setgħu jinġabru l-flus li tħallsu f'permessi lill-Awtorita' tal-Artijiet.

3.3.3 Is-Sindku rreferra għat-talba għal-bozza fi Triq Sannat, fejn l-istess residenti li talbu l-bozza ma jridux il-bozza mal-faċċatta, u nforma lill-membri tal-Kunsill li kien qed jistenna stima mingħand GaleaCurmi Engineering hekk kif trid isir trinka biex din tkun tista' ssir.

3.3.4 B'referenza għall-Triq L-Indipendenza s-Sindku ddiskutta li hemm bżonn li jsir traffic management. Waqt li kien hemm qbil unanimu li jsir traffic management f'din it-triq, ġie deċiż li jitqabbad s-Sur Jean Paul Cefai biex jaħdem fuq traffic management fuq din it-triq partikulari.

3.3.5 Belvedere tal-Barmil. Is-Sindku stqarr li hu kien tal-fehma li l-Belvedere tal-Barmil kellhu jsir sħiħ u mhux parti iva u oħra le. Għalhekk kien talab lil Perit Shawn Micallef biex jikkonsidra l-possibilita' li dan il-belvedere isir sħiħ. Il-perit għandu jiċċekja lil min tappartjeni l-art mal-awtorita' tal-artijiet. Is-Sindku sostna li jekk dan ma jsirx l-area li ma ssirx ser tibqa' bħalha *dumping area*. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

3.3.6 Is-Sindku ssuġġerriexxa li ssir ħarġa li bil-Calypso Train fejn il-ħarġa tinkludi mawra sa Marsalforn bit-train, ħin ta' rilassament jew fejn wieħed ikun jista' jiekol u wasla sax-Xlendi fejn wieħed jkun jista' jixtri ġelat. Il-membri tal-Kunsill qablu unaninament.

3.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward il-kkomunikazzjoni li kellhu hu personali mis-Sindku tan-Nadur, is-Sur Edward Said, fuq il-possibilita' li ssir ġita' lejn Castelvenere u Benevento li huma ġemellatti maż-żewġ Kunsilli rispettivatament is-sena li ġejja. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.'

3.3.8 Is-Sindku ssuġġeriexxa li l-Kunsill jibda jaħseb għall-armar tal-Milied ġdid li jixraq lill-pjazza. Is-Sindku, artist hu stess, ippropona li jieħu ħsieb dan id-disinn innovattiv. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan.

3.3.9 B'referenza għall-Ġnien Il-Ħaddiem, is-Sindku kkommunika li fil-laqgħa li kellhu mal-Ministru t'Għawdex, l-istess Ministru uriet ix-xewqa li dan il-ġnien jinqala' mill-qiegħ u jsir theme park dejjem jekk il-Kunsill jaqbel. Il-membri qablu waqt li l-Viċi Sindku talab li nistaqsu jekk dan hux se jibqa' taħt ir-responsabilita' tax-Xewkija qabel ma jingħata kunsens. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

3.3.10 Is-Sindku kkomunika li fl-istess laqgħa mal-Ministru issemma' l-Evviva Wine Festival fejn il-Ministru t'Għawdex offriet li dan isir bil-kolloborazzjoni tal-MGoz. Il-membri ddiskuttew u kien hemm qbil li bil-kolloborazzjoni tal-Ministeru t'Għawdex dan il-wine festival jista' jkun aktar livell għoli.

3.3.11 Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill jaħdem fuq fuljett bil-kulur u stampi biex nedukaw liċ-ċittadini biex innaqsu l-ħmieġ fir-raħal. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.3.12 Is-Sindku semma' li jixtieq li fix-Xewkija jkollna replica tal-ġebla ta' Majmuna. Is-segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tibgħat imejl lil Heritage Malta.

**3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

3.4.1 Il-Kunsillier Johnny Vella semma' l-ħmieġ tal-klieb li hawn madwar ir-raħal u semma' li jekk mhux ser isiru cameras u jsir aktar infurzar il-problema mhix se tiġi solvuta. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li jsiru cameras għall-playingfiel Tal-Barmil. Is-segretarju ħadet nota biex tkellem lill-Inġinier Mario Cauchi biex jaħdem biex il-Kunsill ikun jista' joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet immedjatament.

3.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet li l-kuntrattur tal-knis u żamma tat-toroq mhux qed jidħol fl-isqaq Triq L-Indipendenza. Is-segretarju ħadet nota biex tiġbed l-attenzjoni lill-kuntrattur u anke tgħidlu biex jgħaddi kmieni biex ma jkunx karrozzi.

3.5.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard b'referenza għall-Waste Reduction Week, mis-16 sal-24 ta' Novembru 2019, ssuġġerriet li l-Kunsill jaħdem mal-iskola fejn jsiru slogans u filmati li jkunu jistgħu jittelgħu fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan.

3.5.4 Il-Kunsillier Johnny Vella talab li jsir patching fejn hemm it-tappiera tal-Barmil. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

3.5.5 Il-Kunsilliera Jeanella Attard irreferriet għall-korsijiet li jistgħu jsiru matul ix-xhur tax-xitwa. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard kellha tiffinalizza l-lista. Il-korsijiet jiftħu jekk ikun hemm mill-inqas 5 studenti. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' din il-proposta'.

3.5.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet referenza għall-Stqarrija AKL 04/2019-Inizjattivi Kontra r-Rilaxxar tal-Bżieżaq u r-Rimi tal-loqom ta' sigaretti mal-art fejn issuġġerriet li l-Kunsill jingħaqad f'din l-iskema biex ma jiġux rilaxxatti bżieżaq fil-festa. Il-membri tal-Kunsill qablu li jidħlu f'din l-iskema. Is-segretarju kellha tieħu ħsieb tinforma lill-Kumitat Ċentrali tal-Festa.

3.5.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet għalfejn il-Kunsill kien għadu bil-website. Il-membri ddiskuttew u l-Kunsiller Paul Azzopardi talab li niċċekjaw mad-dipartiment qabel ma jitneħħa. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

3.5.8 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi ssuġġerriexxa li toħroġ sejħa għall-avukat tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

3.5.9 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet referenza għat-transport li kien jiġi provdut k.ull sena għall-istudenti tal-Primarja. Il-Kunsill qabel li dan għandu jerġa' jiġi provdut. Is-segretarju ħadet nota biex l-avviż jitla' fuq il-Facebook.

3.5.10 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ikkomunikat li kienet tkellmet mal-Arċipriet biex isir il-musical Il-Ballata. Il-Kunsillera issuġġerriet li dan isir mill-Kunsill flimkien mal-paroċċa. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu u l-istess kunsilliera kellha tieħu ħsieb tkellem lis-Sur George Mizzi biex nikkonfermaw jekk dan hux possibli jsir fil-ġimgħa tal-festa li ġejja.

**3.5 Il-Pjazza tax-Xewkija**

3.5.1 Is-Sindku nforma li s-soft firnishings fil-pjazza kellhom jeħlu sa nofs Settembru hekk kif ix-xogħol mill-Ministeru t'Għawdex kien kważi komplut. Rigward l-*app* biex tiffaċilita' l-parkeġġ, is-Sindku kkomunika li kienet saret laqgħa dakinhar filghodu mas-Sur Matthew

Borg u kellhu jara kemm hemm parkeġġ fil-pjazza u jipprovdi stima. Is-Sur Borg kien qed jissuġġerriexxi li jsir *pilot project* fil-pjazza u jekk ikun suċċess jiġi estiż fit-triqat ta' madwar il-pjazza. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jsir parkeġġ bil-ħin u ssuġġerriet li niċċekjaw jekk hux possibli li jsiru bollards li jistgħu jsiru billi niccekjaw ma ta' TM u niċċekjaw jekk hux possibli parkeġġ bit-*time clock*.

3.5.2 Il-Kunsill iddiskutta kif ingħalqet il-Pjazza tax-Xewkija fl-ewwel avveniment ta' Summer Night u l-membri qablu li għal raġunijiet ta' sigurta' jkun aħjar li meta jkun hemm xi attivita' fil-pjazza tingħalaq minn Triq Ein Karem.

3.5.3 Il-Kunsillier Jeanelle Attard qed titlob li nibagħtu lis-Supretendent biex l-għassa tibda tkun miftuħa. Is-Segretarju nfurmat li ntbagħtu diversi imejls anke wara li kien ġie rrapurtat serq minn residenza kemm lis-Supretendent, Kummisarju u anke lill-Ministru Michael Farrugia imma l-unika risposta kienet mill-Ministru li kkonferma li ħa nota tal-imejl.

3.5.4 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-kuntrattur kellhu jieħu ħsieb is-sinjali tal-parkeġġ. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-mappa li hemm mal-latrina kellha tinbidel hekk kif fuqha jidher il-Kunsill fil-post il-qadim.

### 3.6 Triq tal-Ħorob u l-Proġett ta' Measure 4.3

3.6.1 Is-segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra mis-Sur Paul Portelli rigward Triq tal-Ħorob fejn kien qed jallega li din is-sena ma ħassadx qamħ minħabba l-ilma li waqa' fit-triq tiegħu meta sar il-proġett taħt Measur 4.3 Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u kien hemm qbil li l-Kunsill kellhu jwieġeb bl-avuat Dr Jean Paul Grech.

3.6.2 Is-segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kontijiet ċertifikati mill-Perit relatati mal-proġett taħt l-istess miżura. Il-Kunsill qabel li jitħallas l-ammont pendenti hekk kif ix-xogħol kien ġie ċċertifikat mill-Perit.

3.6.3 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-istima tas-sampijiet biex l-ilma li kien qed jibqa' fi Triq Tal-Ħorob jitlaq aktar malajr kienet se terġa' tinġabar peress li l-kwotazzjoni li kienet ingħatat kienet għall-toqob żgħar ħafna.

### 3.7 Fior D'Argenta

3.7.1 Is-Sindku kkomunika li l-preparamenti ta' Fiori D'Argenta kienu għaddejjin ġmielhom. It-Tnejn 26 t'Awwissu kellhu jsir *football tournament* bil-kollobarazzjoni tal-Xewkija Tigers Nursery. It-Tlieta 27 t'Awwissu 2019 kellha ssir l-ikla bil-kollobarazzjoni tal-Għaqda tal-Armar. Festa Familja, b'varjata ta' kant, żfin u logħob tat-tfal kellha tittella' l-Erbgħa 28

t'Awwissu 2019 waqt li l-qofol jintlaħħaq fil-festa propja tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann, fid-29 t'Awwissu 2019, fejn ikun hemm programm varjat b'marċijiet tal-banda, serata' t'għana, qsim tat-torta tal-bajtar ta' San Ġwann u fl-aħħar titqabbad il-ħuġġġiega.

3.7.2 Is-Sindku ssuġġerriexxa li kellha titqabbad is-Sa Maria Mercieca biex tippreżenta s-serata tal-Ħamis 29 t'Awwissu 2019. Kellhu ukoll jittella' avviż fuq il-Facebook tal-Kunsill biex dawn il-kantanti żgħar li jixtiequ jipparteċipa f'Festa Familja jieħdu ħsieb iċemplu l-Kunsill.

3.7.3 Il-Kunsill ddiskutta li kellhu jintbagħat fuljetti f'kull dar u dawn kellhom jitqassmu permezz tal-Maltapost.

**3.8 Korrispondenza u Materiji Oħra**

3.8.1 Ittra mill-kumpanija R.A & Sons Ltd indirizzata lil Ministeru t'Għawdex, TM, Il-Ministru Ian Borg u l-Kunsill Lokali fuq l-istat ħażin ta' Triq tal-Lewż b'dettriment li l-ħaddiema ta' l-istess kumpanija qed ikunu f'periklu waqt li jkunu jsuqu l-inġenji. F'imejl mibgħuta mill-istess kumpanija l-management qed jgħidu li billi ntefa' żrar il-problema ma ġietx solvuta u xorta hemm problema biex huma jużaw l-inġenji minħabba s-sigurta' għall-ħaddiema tagħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut fejn ġie diskuss li din taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru t'Għawdex imma minn informazzjoni li għaddiet il-Ministru fl-laqgħa mas-Sindku hemm maħsub Masterplan għall-inħawi.

3.8.2 Cir AKL 2019/085 - My Malta Plan App fejn din ġiet żvillupata mill-Universita' ta' Malta bil-kolloborazzjoni ta' TM. Din l-app li tħalli l-Kunsilli u organizzaturi oħra jinkludi attivitajiet li jkunu se jittelgħu u b'hekk min juża l-app ikun jaf bihom.

3.8.3 Imejl mis-Sur Matthew Borg fejn talab laqgħa mal-Kunsill jekk interessat jivesti f'app li tgħin biex tindika fejn wieħed jista' jsib parkeġġ fir-raħal. Is-Sur Borg kellhu jintaqa' mal-Kunsill nhar it-Tnejn 5 t'Awwissu 2019 fl-10.00am.

3.8.4 Talba mill-Għaqda Armar Xewkija biex il-Kunsill jikkoloborra għall-ikel li se tittella fis-26 t'Awwissu. Il-Kunsill qabel li jikkoloborra.

3.8.5 Talba mix-Xewkija Tigers biex il-Kunsill jipparteċipa u jikkoloborra fl-attivita' li se tittella' nhar il-Ġimgħa 30 t'Awwisu fit-80 anniversarju mit-twaqqif tal-klabb u l-10 anniversarju mill-ftuħ tal-klabb il-ġdid. Il-Kunsill qabel li jikkoloborra.

3.8.6 Cir AKL 2019/084 - Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi 28/08/2019 fejn huma mistiedna l-Membri Eletti flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi sabiex flimkien jagħtu ħarsa lejn inizjattivi u ċirkulari li l-Assoċjazzjoni bgħatet matul is-sena 2018 u s-sena 2019. L-iskop huwa li jiġu ddiskussi l-MoUs li l-Assoċjazzjoni iffirmat tul dawn l-aħħar xhur, ir-responsabilitajiet u d-drittijiet tal-Kunsilli Lokali.

3.8.7 Avviż - Weraq tas-Siġar tal-Palm fejn il-Kunsill kellhu jinforma lill-Ministeru t'Għawdex sas-7 t'Awwissu 2019 fejn għandna siġar tal-palm li jista' jinqata' għas-sajjieda li applikkaw għall-weraq mal-Ministeru.

3.8.8 ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/14/2019 - Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Community Inclusive Employment Scheme fejn l-għan ta' din l-iskema huwa li aktar persuni bi bżonnijiet speċjali jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm fuq bażi full-time jew part-time. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u qablu li għandna napplikkaw għall-General Office Hand taħt din l-iskema.

3.8.9 Cir AKL 2019/079 Stqarrija AKL 05/2019 L-Indafa Pubblika fejn qed tiġbed l-attenzjoni tar-residenti biex ma jħammġux u tfakkar fis-servizz tal-bulky offrut b'xejn. Tiġbed l-attenzjoni tal-istabilimenti tal-ikel biex ikollhom bins bizzejjed. Tenfassizza ukoll fuq il-fatt li l-infurzar naqas ħafna u jekk mhux se jkun hemm multi ħorox diffiċli biex wieħed jara differenza. Għalhekk fl-istess ċirkulari tiġbed l-attenzjoni tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.8.10 Ilment mis-Sa Portelli b'talba għal-bozza fi Triq Sannat. It-talba kienet diġa' għaddiet fil-laqgħa t'April. Il-problema li l-istess Sinjura ma tridx il-bozza mal-faċċatta tagħhom .Is-Sindku rreferra li kien mar fuq il-post mal-inġinier ta' GaleaCurmi fejn qallu li trid isir trinka biex jaqsam id-dawl min-naħa 'l oħra tat-triq. Il-Kunsill kien għadu jistenna l-kwotazzjoni ta' kemm tiġi tiswa t-trinka.

3.8.11 Talba lil Kummissarju u anke lil Minisiteru tal-Intern biex l-għassa tal-lokalita' tkun miftuħa hekk kif kienu rrapurtati serqiet mir-raħal fl-aħħar ġimgħat. Il-membri talbu li għandna nibqgħu nissistu li din l-għassa tibda tkun miftuħa.

3.8.12 Cir AKL 2019/070 - European Mobility Week 2019 fejn il-Kunsilli kienu qed jiġu mistiedna biex japplikkaw għal-*Small Events and Activities* sal-31ta' Lulju għall-premju bejn €1,500 and €2,500 u għall-*Permanent Sustainable Mobility Measures Competition* sat-30 t'Awwissu bl-ewwel premju ta' €51,000 u t-tieni premju €31,000.

3.8.13 Cir AKL 2019/078 - Reġistrazzjoni teambuilding 05/10/19 li ser issir nhar is-Sibt 5 t'Ottubru 2019. Reġistrazzjoni sat-Tnejn 26 t'Awwissu 2019.

3.8.14 SPI.SCI.13.2019. Espressjoni ta' Interess Clean Up the World 2019 li trid isir bejn it-13 u l-21 ta' Settembru. L-applikazzjoni tagħlaq fis-26 t'Awwissu 2019. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa illi l-Kunsilli Lokali jgħaqqdu l-komunitajiet u jwettqu tindif li permezz tiegħu l-lokalitajiet jingħataw dehra aktar nadifa u sana u din l-espressjoni ta' interess se tiffinanzja sa massimu ta' €1000 (inkluża l-VAT) lil kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax hekk kif l-iskola tkun għada magħluqa u l-Clean Ups dejjem saru flimkien mal-iskola.

3.8.15 Talba mis-Sa Psaila ta' Sunshine, Tiq Mallia Vernon biex isirlha kaxxa safra quddiem il-garaxx tagħha jew double yellow line quddiem il-garaxx. Il-Kunsill qabel li din it-talba titmexxa ma' TM.

3.8.16 ĊIRKULARI 14/2019 Onorarju u Allowances fejn il-Kunsill kien qed jiġi nfurmat biż-żieda fl-allowances tal-Kunsilliera.

3.8.17 Talba mis-Sur Vella biex issir mera mad-dar fi Triq Imgarr Ix-Xini.

**3.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

3.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru fl-4.00pm.

Konfermati, illum **13 ta' Settembru 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________________ | __________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |